## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 12 TA' FRAR, 2001

*Avviz. Nru 1746/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Carmelo Borg Bonaci

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hdax il-lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm111.73) rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mis-16 ta' Frar, 1998, sat-23 ta' Frar, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa kkontesta t-talba stante li l-ammont mitlub huwa eccessiv.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra li ghalkemm il-kawza giet differita diversi srabi ghall-provi tal-konvenut, dan naqas milli jressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Ra l-verbal tat-23 ta' Jannar, 2001, fejn is-socjeta' attrici talbet li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm, liema talba giet milqugha.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hdax il-lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm111.73) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effetiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR